# Jeremy Boissevain

## L-Antropologu li rabat ismu ma' Ħal Kirkop - 1928-2015

*Kitba ta' Pawlu Azzopardi*

**Nota Editorjali**

Il-kontribut li l-antropologu Jeremy Boissevain ta lil raħalna u lil Malta permezz tar-riċerka u l-analiżi tiegħu huwa wisq kbir biex tikwantifikah. Kif ħa naraw f'din il-ġabra t'avvenimenti; li wħud minnhom seħħew quddiem għajnejn Pawlu Azzopardi nnifsu, Boissevain kien għamel ir-riċerka primarja tiegħu billi litteralment għex il-ħajja ta' raħalna fis-sittinijiet u s-snin ta' wara. Sfortunatament, Boissevain ħalla din id-dinja lejn l-aħħar ta' Ġunju tas-sena li għaddiet u kien daħal wisq iż-żmien sabiex nagħtuh il-ġieħ mistħoqq permezz ta' din il-pubblikazzjoni. Madanakollu, ħassejna li huwa wisq xieraq li din is-sena nippubblikaw ukoll l-importanza ta' dan l-istudjuż veteran li b'ħidmietu naqqax ismu fl-istorja ta' raħalna.

It-telfa ta' Jeremy Boissevain hija telfa għal ħafna ħbieb u kollegi fis-soċjetà Maltija speċjalment fost sħabu l-akkademiċi. Huwa kien wieħed mill-iżjed skolari bravi internazzjonalment fuq is-soċjetà Maltija. Jeremy kien maħbub u rikonoxxut minn antropoloġi, soċjoloġi, politiċi u ambjentalisti. Hija telfa kbira għar-raħal ta' Ħal Kirkop għax kien il-Professur Jeremy Boissevain li, permezz tal-istudju tiegħu, għolliena għal-livell akkademiku. B'hekk huwa poġġa isem Ħal Kirkop fuq il-mappa biex ħafna studjużi tal-etnografija u l-antropoloġija jgħarfu lill-Koppin. Għalhekk jien inżid ngħid li Ħal Kirkop tilef ħabib kbir. Barra minn hekk, huwa kien figura mportanti u rispettata kemm fl-Olanda u kif ukoll fl-Ewropa għax kien influwenti fl-iżvilupp tal-istudju antropoloġiku tal-Mediterran u tal-Ewropa.



Jeremy Boissevain u l-awtur tal-artiklu Pawlu Azzopardi

Jeremy Boissevain twieled Londra fl-1928 u miet f'Amsterdam, l-Olanda, fis-26 ta' Ġunju, 2015. Huwa kellu 87 sena.

Kont għadni daqxejn ta' tfajjel ta' ħames snin, meta Jeremy ġie jgħix fir-raħal żgħir tagħna ta' Ħal Kirkop. Niftakar kellu tifla tampari li kienet dejjem tiġri miegħu. Jien, ta' tifel li għadni lanqas għamilt l-ewwel tqarbina, kont qisni d-dell tal-Kappillan il-ġdid Dun Ġużepp Theuma. Kull fejn imur kien iġorr lili u xi żewġ abbatini oħra. Dun Ġużepp kien ta' sikwit jgħaddi jittawwal lil "Ġerry" u l-"Ġerrija", kif kien laqmuhom il-Koppin.

Huwa ssetilja ġewwa Ħal Kirkop f'Settembru tal-1961 ġo żewġt ikmamar fi Triq San Anard, f'taż-*Żinnuwa*. Jeremy innota u studja lil Koppin bid-drawwiet, użanzi, festi, piki u nar. Kif jirrakkonta huwa stess, mas-sebħ tal-għada li wasal fir-raħal, il-familja tiegħu ġiet maħsuda mis-sodda b'murtal tal-festa li riegħed raħal, u Alla jbierek għall-Koppin qisu xejn m'hu xejn. L-ewwel studju tiegħu ħarġu taħt l-isem: *'Saints and fireworks: Religion and Politics in Rural Malta (1962)'*. Aktar tard ħareġ studju ieħor fuq ir-raħal tagħna - *'Ħal farruġ: A village in Malta'* u snin wara ippublikah taħt l-isem *'Ħal Kirkop: A village in Malta. (1969)'* Fl-istudji tiegħu huwa daħal fil fond tal-ħajja Koppija. Eżamina u pprova jifhem dak kollu li għandu x'jaqsam ma' drawwietna, r-relazzjoniijiet u l-familja, iż-żwieġ u d-differenzi soċjo-ekonomiċi li kienu jsawru lil dan id-daqxejn ta' raħal. Għamel paraguni u kiteb fuq ix-xogħol, l-istrata soċjali u differenzi oħra. Ipprova jifhem u jara minn fejn




Il-kotba li ħareġ Jeremy Boissevain fuq Ħal Kirkop

oriġinaw il-laqmijiet tal-Koppin. Wieħed jista' jobsor li mhux kulħadd ħa pjaċir b'din tal-laqmijiet għax kultant il-laqam jista' jkun dispreġattiv. Għall-bidu l-Koppin ma ħadux pjaċir bih u ġriet ix-xnieha li jista' jkun xi spijja, imma din għelibha billi ntefgħa jixrob xi birra jew xi grokk ġol-ħwienet tax-xorb.

Huwa kien midħla u kellu wkoll kuntatti fiċ-ċivil għax sentejn qabel, Jeremy kien ġie Malta bħala amministratur ma' tal-CARE (*the Cooperative for American Relief to Everywhere*). Din kienet organizazzjoni NGO, li kienet tissupplixxi għajnuna bażika bħal butir, żejt u ġobon.

Peress li kif għedt qabel, jien kont qisni d-dell tal-Kappillan Dun Ġużepp Theuma, kont sikwit insib ruħi fid-dar tiegħu fi Triq San Anard jew id-Domus, għax hemm kellu kamra fejn kien jikteb u jżomm in-noti. Niftakar kellu skrivanija bil-kxaxen kollha maqsumin sabiex b'hekk, b'sistema ta' kartun, kien iżomm in-notamenti tiegħu.

*F''Ħal farruġ: A Village in Malta'*, huwa jsemmi ż-żewġ qasmiet li kienu jeżistu fir-raħal tagħna fis-snin sittin, waħda 'politika tar-raħal' jiġifieri bejn il-qaddisin u l-oħra 'l-politika nazzjonali' sewwa sew fi żmien l-interdett. Huwa nnota u ddeskriva l-pika u l-kompetizzjoni li kienet teżisti bejn il-każini tal-banda jew aħjar tal-festa. Huwa jibdel l-isem ta' dawn il-każini u jsemmihom ta' "San Martin" (San Leonardu) u ta' "Santu Rokku" (San Ġużepp). Huwa jiżviluppa ukoll t-tema tal-piki u l-partiti. Boissevain jislet minnhom l-animożità u ostilità li jgħid li din kienet qisa ġlieda għas-supremazija. Il-Malti jgħid li "l-piki jaqtgħu l-aptiti" imma mhux dejjem għax il-pika żżomm lil dak li jkun b'ħeġġa akbar u fuq ix-xwiek. Huwa ġabar informazzjoni minn ħalq in-nies ta' kif bdew dawn il-partiti u l-piki li bla ma trid iġibu xi ftit ta' firda. Huwa jgħid li kien inċident li nqala' fl-1888 bejn Dun Rokku (Dun Ġużepp Barbara, il-Kappillan ix-Xiħ) u xi membri mill-kamp oppost u b'hekk twaqqfet is-soċjetà l-oħra ġewwa r-raħal, is-soċjetà Ġużeppina.[1]

Isemmi wkoll każijiet li ġraw f'dan id-daqxejn ta' raħal fis-snin ta' qabel. Jikteb pereżempju dwar il-bomba li saret mad-dar tal-Kappillan fl-1953 għax xi wħud deherilhom li kien qed ixaqqleb lejn il-festa sekondarja.[2]

M'għandniex xi ngħidu li waqt l-istudju tiegħu ġewwa Ħal Kirkop, huwa sab ruħu f'waħda mill-baraxxi tal-Koppin. Il-Kappillan ta' qabel Theuma kien ġabar il-flus biex jirranġa l-kor tal-Knisja bl-*alto rilievo* b'rakkonti mill-ħajja ta' San Anard u xi skudetti oħra. Dan il-Kappillan, Dun Pawl Pace, ħaseb li jagħmel l-arma tiegħu. Ġara iżda li hekk kif kien għadu bilkemm ħalla l-parroċċa, xi wħud daħlu l-Knisja billejl u tajrulu l-arma minn posta u flokha għamlu l-arma ta' Ħal Kirkop għax dehrilhom li l-arma tiegħu ma kinetx posta hemm. Ir-raħal kien imtela bil-pulizija jiġru mas-saqajn biex jippruvaw jaraw min kien il-ħati. Jeremy, li kien għadu ma tantx tgħallem Malti, induna x'inhu jiġri u beda jifhem ir-raġunament tal-Koppin.[3]

Huwa ddokumenta r-raħal tajjeb ħafna anke b'sistema ta' ritratti li wħud minnhom jidhru f'dan l-artiklu. Il-Kappillan Dun Ġużepp Theuma u Francis Mizzi (Ċikku ta' *Borom*) kienu ta' għajnuna kbira biex Jeremy seta' jitħallat u jingwala mal-Koppin. Dun Ġużepp kien xandar minn fuq l-artal biex Boissevain jaċċettawh fostna u Ċikku kien jaġġornalu n-notamenti u jinterpretalu sakemm tgħallem il-lingwa Maltija.



**Il-Kappillan Dun Ġużepp Theuma u Jeremy Boissevain**

Huwa jirrakkonta kemm fi ftit żmien il-Koppin mhux talli laqawh, imma għamluh ħabib tagħhom u beda jispiċċa b'xi tużżana bajd frisk (jew xi qalza mimlija bajd nieżel ma' saqajh), irkotta jew tadam. Kollox frisk minn tagħhom.

Isemmi l-ewwel impressjoni tat-tfal li daru miegħu hekk kif raw barrani ġewwa t-triq tagħhom. Jgħid li wasal ir-raħal minn Ħal Safi u daħal jixtri kaxxa sulfarini u luminata mill-ewwel ħanut li sab. Inzerta li ġibed l-isfel u lemaħ il-każin tal-futbol li dak iż-żmien kien għadu kemm ġie mwaqqaf. Dan kien fi Triq Santu Rokku - bieb l-isfel mill-maħżen tal-armar ta' San Ġużepp.

Fl-istudji tiegħu, huwa għaqqad frażijiet li llum saru popolari bħal 'ħbieb tal-ħbieb' ("*friends of friends*"), 'qaddisin u nar' ("*saints and fireworks*")



**Il-każin tal-futbol li kien fi Triq Santu Rokku**

u 'super qaddisin' (*super saints*) li kien qed jirreferi għall-ministri politiċi.

F'Marzu tas-sena 2006, nieda edizzjoni ġdida tal-ktieb *'Ħal Kirkop - A Village in Malta'*. Il-Professur Jeremy Boissevain għamel taħdita fuq l-għeruq tar-raħal u kif rah jiżviluppa f'dawn l-aħħar ħamsin sena. Kif kien hawn fostna reġa' żar iż-żewġ każini tal-banda tar-raħal. Huwa qalli li baqa' jħobbom għax jidirlu li huma l-bejta li jixprunaw it-taqlib u l-progress fir-raħal. Wara li kien lesta r-riċerka u ppublikha baqa' għal snin sħaħ jiġi jara l-iżvilupp u l-andament tal-festa fir-raħal. Huwa stess ammetta li mhux kollox mexa jew żviluppa kif ħaseb hu. Boissevain josserva li l-festi ħadu xejra oħra, in-nies saret iżjed sinjura materjalment u progress in ġenerali ta xejra oħra lill-festi Maltin.

Bħala teknika huwa ġabar l-informazzjoni b'osservazzjonijiet, mill-arkivji tal-pulizija, mir-rekords tar-*Rationing Office*, mill-Uffiċċju Elettorali, u b'mod speċjali mill-arkivju tal-parroċċa li jinżamm għand il-Kappillan. F'dan l-arkivju jkun hemm minjiera ta' informazzjoni dwar it-twelid, l-imwiet, il-magħmudijiet u statistika oħra.

Huwa jagħlaq il-*fieldwork edition (1969)* billi jgħid li minkejja n-nuqqasijiet u l-inesperjenza li kellu għax kien għadu ġdid f'dan l-istħarriġ, il-ħames xhur li qatta' ġewwa Ħal Farruġ (Ħal Kirkop) jibqgħu għalih dejjem l-akbar esperjenza ta' ħajtu bħala riċerkatur.[4]

Fuq livell nazzjonali fl-2015, ftit xhur qabel ma' miet, il-Professur Boissevain ġie rikonoxxut mill-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta għall-kontribut tiegħu lis-soċjetà Maltija u għalhekk ġie mogħti ġieħ *Honoris causa*.

Fuq livell Parrokkjali, nhar id-29 ta' Mejju 2009, il-Professur Jeremy Boissevain ġie mogħti "Ġieħ Ħal Kirkop" f'isem il-Koppin mis-Sindku Mario Salerno bħala turija ta' rikonoxximent u ringrazzjament għax-xogħol tiegħu lejn Ħal Kirkop.




**Jeremy Boissevain jingħata "Ġieħ Ħal Kirkop"**

Fl-aħħar nett nixtieq infakkar li l-apprezzamenti u l-eloġji wara mewtu lejn dan ir-raġel kbir li ħabb lil Malta, u mhux inqas lil Ħal Kirkop juru l-istima tan-nies li kellhom ix-xorti li jaħbtu miegħu f'ħajjithom.

Jien tal-fehma li bħala rikonoxximent għax-xogħol siewi li Jeremy għamel għal Ħal Kirkop, Pjazza Żernieq, tiġi msemmija għal dan il-Professur li għolla isem Ħal Kirkop.

**Referenzi:**


[1] J.Boissevain, "Ħal Farruġ: A Village in Malta", Malta, 1969, p.82.

[2] Ibid.p.61

[3] Ibid.p.63

[4] Ibid.p.126